MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1612/2002

**Telepage Limited**

**Vs**

**Alan Joseph Fiott**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,025.85), rapprezentanti Lm899.97 salarju ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2001 u l-31 ta' Dicembru 2001, Lm29 pro rata bonus tax-xahar ta' Dicembru 2001 u Lm96.88 hlas ta' kontribuzzjoni ta' sigurta socjali, liema total ta' ammont gie indebitament imhallas lill-konvenut mis-socjeta attrici filwaqt li l-impjieg tieghu maghha kien gie tterminat fl-ahhar ta' Settembru 2001.

Ra d-dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut u li permezz taghha ammetta li huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ Lm890.00 u kkontesta l-bilanc.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha rriduciet t-talba taghha ghas-somma ta’ Lm890.

Ghaldaqstant, in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenut it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundannah ihallas is-somma ta’ tmien mija u disghajn lira Maltija (Lm890), bl-imghax skond il-ligi.

Dwar l-ispejjez il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal tlett kwarti [3/4] minnhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**